**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 1999/74/KE

## tad-19 ta' Lulju 1999

## li tistabilixxi *standards* minimi għall-ħarsien ta' tiġieġ li jbid

(ĠU L 203, 3.8.1999, p. 53)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003 ta' l-14 ta' April 2003 | L 122 | 1 | 16.5.2003 |
| ►M2 | Direttiva tal-Kunsill 2013/64/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 | L 353 | 8 | 28.12.2013 |
| ►M3 | Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 | L 95 | 1 | 7.4.2017 |

▼B

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 1999/74/KE**

**tad-19 ta' Lulju 1999**

**li tistabilixxi *standards* minimi għall-ħarsien ta' tiġieġ li jbid**

*Artikolu 1*

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi *standards* minimi għall-ħarsien ta' tiġieġ li jbid.

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għal:

— stabbilimenti b'inqas minn 350 tiġieġa li tbid,

— stabbilimenti li jrabbu tiġieġ li jbidu għat-trobbija.

Dawn l-istabbilimenti għandhom, madanakollu, jissoktaw li jkunu soġġetti għad-disposizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 98/58/KE.

*Artikolu 2*

1. Id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/58/KE għandhom jgħoddu fejn meħtieġa.

2. Magħduda ma' dan, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-iskop ta' din id-Direttiva:

(a) "tiġieġ li jbidu" tfisser: tiġieġ ta' l-ispeċi Gallus gallus li jkunu laħqu maturità f'dak li huwa bajd u li jinżammu għall-produzzjoni ta' bajd mhux maħsuba għat-tfaqqis;

(b) "bejta" tfisser: kull post separat għat-tqegħid tal-bajd, li l-komponenti ta' l-art tiegħu m'hemmx għalfejn jinkludi gożwajer li tista' tiġi f'kuntatt mat-tjur, għal kull tiġieġa waħda jew għal kull grupp ta' tiġieġ (bejta ta' grupp);

(ċ) "ħmieġ" ifisser: kull materjal li jista' jitfarrak li jippermetti lit-tiġieġ li jissodisfaw il-ħtiġiet etoloġiċi tagħhom;

(d) "żona li tista' tintuża" tfisser: kull żona wiesgħa ta' mill-inqas 30 ċm b'rampa ma' l-art ta' mhux iktar minn 14 %, bi spazju għar-ras ta' mill-inqas 45 ċm. Żoni ta' bejtiet m'għandhomx jitqiesu bħala żoni li jistgħu jintużaw.

*Artikolu 3*

Skond is-sistema jew sistemi adottati mill-Istati Membri, dawn għandhom jagħmlu ċert li s-sidien u d-detenturi ta' tiġieġ li jbidu japplikaw mhux biss id-disposizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 98/58/KE u ta' l-Anness ta' din id-Direttiva imma wkoll il-ħtiġiet speċifiċi għal kull waħda mis-sistemi li għaliha saret referenza hawn isfel, jiġifieri:

(a) jew id-disposizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I fir-rigward ta' sistemi alternattivi;

(b) jew id-disposizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu II fir-rigward ta' sistemi ta' gaġġi mhux arrikkiti;

▼B

(ċ) jew id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu III rigward gaġġi arrikkiti.

KAPITOLU I

**Disposizzjonijiet applikabbli għal sistemi alternattivi**

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ċert li mill-1 ta' Jannar 2002 kull sistema ta' produzzjoni mibnija jew mibnija mill-ġdid li għaliha saret referenza f'dan il-kapitolu u kull sistema ta' produzzjoni ta' dan it-tip li bdiet tintuża għall-ewwel darba tikkonforma mill-inqas mal-ħtiġiet ta' hawn isfel.

1. Kull sistema trid tiġi mgħammra b'tali mod li kull tiġieġa li tbid ikollha:

(a) jew *feeders* linejari li jipprovdu ta' l-inqas 10 ċm għal kull tajra jew *feeders* ċirkolari li jipprovdu ta' mill-inqas 4 ċm għal kull tajra;

(b) jew ħawt ta' tisqija kontinwa li jipprovdi 2,5 ċm għal kull tiġieġa jew ħawt ċirkolari ta' tisqija li jipprovdi 1 ċm għal kull tiġieġa.

Magħduda ma' dan, jekk jiġu użati bżieżel jew kikkri għat-tisqija, għandu jkun hemm ta' mill-inqas beżżula waħda jew kikkra għal kull 10 tiġieġ. Meta l-punti ta' tisqija huma ċċumbati l-ġewwa, ta' mill-inqas żewġ kikkri jew żewġt ifliexken bil-beżżul irid ikun milħuq minn kull tiġieġa;

(ċ) ta' mill-inqas bejta waħda għal kull seba' tiġiġiet. Jekk jintużaw bejtiet ta' gruppi, irid ikun hemm ta' mill-inqas 1 $m^2$ ta' spazju fil-bejta għal kull massimu ta' 120 tiġieġa;

(d) perċi adegwati, mingħajr truf li jaqtgħu u li jipprovdu ta' mill-inqas 15 ċm għal kull tiġieġa. Il-perċi ma jistgħux jitpoġġew fuq iż-żibel u d-distanza orizzontali bejn il-perċi trid tkun ta' mill-inqas 30 ċm u d-distanza orizzontali bejn il-perċa u l-ħajt trid tkun ta' mill-inqas 20 ċm;

(e) ta' mill-inqas 250 $ċm^2$ ta' żona biż-żibel għal kull tiġieġa, u ż-żibel għandu jokkupa ta' mill-inqas terz tal-wiċċ ta' l-art.

2. Il-paviment ta' l-installazzjonijiet irid ikun kostruwit b'tali mod li jappoġġa b'mod adegwat id-dwiefer ta' kull sieq li jħarsu 'l quddiem.

3. Magħduda ma' dawn id-disposizzjonijiet stabbiliti f'punti 1 u 2,

(a) jekk jintużaw sistemi ta' trobbija fejn it-tiġieġ jistgħu jiċċaqalqu b'mod ħieles bejn livelli differenti,

(i) m'għandux ikun hemm iktar minn erba' livelli;

(ii) l-ispazju għar-ras bejn il-livelli jrid ikun ta' mill-inqas 45 ċm;

(iii) il-faċilitajiet ta' tisqija u ta' ikel irid ikun distribwit b'tali mod li jipprovdi aċċess ugwali għal kull tiġieġa;

▼B

(iv) il-livelli jridu jkunu rranġati b'tali mod li ma jippermettux li l-ħmieġ jaqa' fil-livelli ta' isfel.

(b) Jekk it-tiġieġ li jbidu jkollhom aċċess għal ftuħ ta' barra:

(i) irid ikun hemm diversi toqob li jagħtu aċċess dirett għaż-żona ta' barra, ta' mill-inqas 35 ċm għoljin u 40 ċm wiesgħa u li jestendu t-tul kollu tal-bini; f'kull kas, fetħa totali ta' 2 m trid tkun disponibbli għal kull grupp ta' 1000 tiġieġa;

(ii) iż-żoni fejn jistgħu jiġru fil-beraħ iridu jkunu:

— ta' kull żona xierqa għad-densità ta' l-istokk u n-natura ta' l-art, sabiex ma jkun hemm ebda kontaminazzjoni;

— mgħammra b'kenn minn temp qieraħ u annimali predaturi, u, jekk meħtieġ, ħwat tax-xorb adattati.

4. Id-densità ta' l-istokk ma tistax teċċedi disa' tiġieġ li jbidu għal kull 2 m ta' żona li tista' tintuża.

Madanakollu, meta ż-żona li tista' tintuża tikkorrispondi għall-wiċċ ta' l-art disponibbli, l-Istati Membri jistgħu, sal-31 ta' Diċembru 2011, jawtorizzaw kull densità ta' stokk ta' 12-il tiġieġa għal kull 2m ta' żona disponibbli għal dawk l-istabbilimenti li japplikaw din is-sistema fit-3 ta' Awissu 1999.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ċert li l-ħtiġiet minimi stipulati fil-paragrafu 1 japplikaw għal kull sistema alternattiva mill-1 ta' Jannar 2007.

KAPITOLU II

**Disposizzjonijiet applikabbli għat-trobbija f'sistemi ta' gaġġi mhux arrikkiti**

*Artikolu 5*

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ċert li mill-1 ta' Jannar 2003 kull sistema ta' gaġġi li għaliha saret referenza f'dan il-kapitolu tikkonforma ta' l-inqas mal-ħtiġiet li ġejjin:

1. ta' l-anqas 550 $ċm^2$ għal kull tiġieġa, mkejla fuq kull pjan orizzontali, li tista' tintuża mingħajr restrizzjoni, b'mod partikolari li ma jinkludux pjanċi mhux taż-żibel li jintużaw biex ixellfu u li jistgħu jirrestrinġu l-arja disponibbli, iridu jiġu provduti għal kull tiġieġa li tbid;

2. kull ħawt ta' l- ikel li jista' jintuża mingħajr restrizzjonijiet irid jiġi provdut. It-tul tiegħu jrid ikun ta' mill-inqas 10 ċm multiplikat bin-numru ta' tiġieġ fil-gaġġa;

3. kemm-il darba ma jiġux ipprovduti *drinkers* bil-beżżula jew kikkri għax-xorb, kull gaġġa jrid ikollha kanal ta' xorb kontinwu ta' l-istess tul bħall-ħawt ta' l-ikel imsemmi fil-punt 2. Meta jiġu ċċumbati l-punti tax-xorb, ta' mill-inqas żewġ *drinkers* tal-beżżula jew żewġ kikkri bir-ras għandhom ikunu milħuqa minn kull gaġġa;

▼B

4. il-gaġġi jridu jkunu ta’ mill-inqas 40 ċm għoljin fuq ta’ mill-inqas 65 % taż-żona tal-gaġġa u mhux inqas minn 35 ċm f’kull punt;

5. Il-pavimenti tal-gaġġi jridu jinbnew b’tali mod li jappoġġaw b’mod adegwat id-dwiefer li jħarsu ’l quddiem ta’ kull sieq. Iż-żerżiqa tal-paviment ma tistax tkun iktar minn 14 % jew 8 %. Fil-każ ta’ pavimenti li ma jużawx gożwajer rettangolari, l-Istati Membri jistgħu jippermettu żerżiqa aktar wieqfa;

6. il-gaġġi għandhom jiġu mgħammra b’tagħmir xierqa għat-tqassir tad-dwiefer.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ċert li t-trobbija f’gaġġi li għalihom saret referenza f’dan il-kapitolu tiġi projbita b’effett mill-1 ta’ Jannar 2012. Apparti dan, b’effett mill-1 ta’ Jannar 2003 ebda gaġġa bħal dawk li għalihom saret referenza f’dan il-Kapitolu ma tista’ tinbena jew tiddaħħal f’servizz għall-ewwel darba.

▼M2

3. B'deroga mill-paragrafu 2, fil-Majott bħala reġjun ultraperiferiku fit-tifsira tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem “il-Majott”), tiġieġ li jbid jista' jibqa' jiġi mrobbi f'gaġeġ kif imsemmi f'dan il-Kapitolu sal-31 ta' Diċembru 2017.

Mill-1 ta’ Jannar 2014, l-ebda gaġġa bħal dawk li għalihom saret referenza f’dan il-Kapitolu ma tista’ tinbena jew tiddaħħal f’servizz għall-ewwel darba fil-Majott.

Il-bajd li ġej minn stabbilimenti li jrabbu tiġieġ li jbidu fil-gaġeġ kif imsemmi f’dan il-Kapitolu għandhom jitqiegħdu biss fis-suq lokali tal-Majott. Dak il-bajd u l-pakki tagħhom għandhom ikunu identifikati b’mod ċar b’marka speċjali, b'mod li jkunu jistgħu jsiru l-kontrolli neċessarji. Deskrizzjoni ċara ta’ dan l-immarkar speċjali għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni sal-1 ta’ Jannar 2014.

▼B

KAPITOLU III

## Disposizzjonijiet applikabbli għal trobbija f’gaġġi arrikkiti

*Artikolu 6*

L-Istati Membri għandhom jagħmlu ċert li mill-1 ta’ Jannar 2002 kull gaġġa li għaliha saret referenza f’dan il-kapitolu tikkonforma ta’ mill-inqas mal-ħtiġiet li ġejjin:

1. it-tiġieġ li jbidu jrid ikollhom:

   (a) ta’ mill-inqas 750 ċm$^2$ ta’ żona ta’ gaġġa għal kull tiġieġa, li ta’ mill-inqas 600 ċm$^2$ minnhom trid tiġi użata; l-għoli tal-gaġġa apparti minn dak ’l fuq miż-żona li tiġi użata għandu jkun ta’ mill-inqas 20 ċm f’kull punt u ebda gaġġa m’għandha jkollha żona totali li hija inqas minn 2000 ċm$^2$;

   (b) kull bejta;

   (ċ) ħmieġ li jagħmlu t-tnaqqir u ħakk possibbli;

▼B

(d) perċi xierqa li jippermettu ta' mill-inqas 15 ċm għal kull tiġieġa;

2. irid jiġi provdut kull ħawt ta' l-ikel li jista' jintuża mingħajr restrizzjonijiet. It-tul tiegħu jrid ikun ta' mill-inqas 12 ċm multiplikat bin-numru ta' tiġieġ fil-gaġġa;

3. kull gaġġa jrid ikollha kull sistema ta' xorb addattat għad-daqs tal-grupp; meta *drinkers* bil-beżżul jiġu provduti, ta' mill-inqas żewġ *drinkers* bil-bżieżel jew żewġ kikkri jridu jkunu jintlaħqu minn kull tiġieġa;

4. sabiex tiġi ffaċilitata l-ispezzjoni, l-installazzjoni u d-depopolazzjoni tat-tiġieġ irid ikun hemm kull navata minima ta'wisgħa minima ta' 90 ċm bejn is-sarbut ta' gaġeġ u kull spazju ta' mill-inqas 35 ċm irid jitħalla bejn il-paviment tal-bini u l-qiegħ ta' sarbut tal-gaġġi;

5. il-gaġġi għandhom jiġu armati b'tagħmir xieraq għat-tqassir tad-dwiefer.

KAPITOLU IV

## Disposizzjonijiet finali

*Artikolu 7*

L-Istati Membri għandhom jagħmlu ċert li l-istabbilimenti koperti fil-mira ta' din id-Direttiva huma reġistrati mill-awtorità kompetenti u jingħataw kull numru distintiv li għandu jkun il-medju sabiex jiġu intraċċati bajd impoġġija fis-suq għall-konsum uman.

L-arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu stabbiliti qabel l-1 ta' Jannar 2002 b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11.

*Artikolu 8*

▼M3

__________

2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena, rapport annwali għas-sena ta' qabel, dwar l-ispezzjonijiet li jkunu saru mill-awtoritajiet kompetenti biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Mar-rapport għandu jkun hemm analiżi tal-aktar sejbiet serji ta' nonkonformità, u pjan ta' azzjoni nazzjonali biex jipprevjeni jew inaqqas l-okkorrenza tagħhom għas-snin ta' wara. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta sommarji ta' dawn ir-rapporti lill-Istati Membri.

▼B

3. Qabel l-1 ta' Jannar 2002 il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 11, tissottometti proposti għall-armonizzazzjoni ta' dawn li ġejjin:

▼M3

__________

▼B

(b) il-format u l-kontenut tar-rapporti li għalih saret referenza fil-paragrafu 2 u l-frekwenza li biha għandhom jiġu sottomessi.

▼M3

__________

▼B

*Artikolu 10*

Sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2005 il-Kummissjoni għandha tagħti kull rapport lill-Kunsill, imsejjes abbażi ta' kull fehma mill-Kumitat Veterinarju Xjentifiku, dwar id-diversi sistemi ta' trobbija ta' tiġieġ li jbid, u b'mod partikolari dwar dawk koperti minn din id-Direttiva, b'konsiderazzjoni kemm l-aspetti patoloġiċi, zootekniċi, fiżjoloġiċi, u etoloġiċi tad-diversi sistemi kif ukoll ta' l-impatt tagħhom fuq is-saħħa u fuq l-ambjent..

Dak ir-rapport għandu jitħejja wkoll fuq il-bażi ta' kull studju ta' l-implikazzjonijiet soċjo-ekonomiċi tad-diversi sistemi u ta' l-effetti tagħhom fuq is-sħab ekonomiċi tal-Komunità.

Magħduda ma' dan, għandu jiġi akkumpanjat bi proposti xierqa li jieħdu in konsiderazzjoni l-konklużjonijiet tar-rapport u l-eżitu tan-negozjati ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Il-Kunsill għandu jaġixxi b'kull maġġoranza kkwalifikata fuq dawn il-proposti fi żmien 12-il xahar minn meta jiġu sottomessi.

▼M1

*Artikolu 11*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit skond l-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 ([1]).

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ([2]).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli tiegħu ta' Proċedura.

▼B

*Artikolu 12*

Id-Direttiva 88/166/KEE qiegħda hawnekk tiġi mħassra b'effett mill-1 ta' Janar 2003.

*Artikolu 13*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi, inkluż kull penali meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2002. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan minnufih.

Meta l-Istati Membru jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom kull referenza għal din id-Direttiva jew jiġu akkummpanjati b'din ir-referenza fl-okkazjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi għall-għamla ta' din ir-referenza għandhom jiġu stipulati mill-Istati Membri.

---

([1]) ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

▼**B**

2. L-Istati Membri jistgħu, waqt li jirrispettaw ir-regoli ġenerali stab-biliti fit-Trattat, iżommu jew japplikaw fit-territorji tagħhom disposizzjonijiet għall-ħarsien ta’ tiġieġ li jbidu li huma iktar stringenti minn dawk previsti minn din id-Direttiva. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kull miżura meħuda għal dawn il-finijiet.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma adottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 14*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil jum tal-publikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 15*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

*ANNESS*

B'żieda mad-disposizzjonijiet relevanti ta' l-Anness għad-Direttiva 98/58/KE, il-ħtiġiet li ġejjin japplikaw:

1. Kull tiġieġa trid tiġi spezzjonata mis-sid jew mill-persuna responsabbli għat-tiġieġ ta' mill-inqas darba kuljum.

2. Il-livell ta' storbju jrid jiġi minimizzat. Storbju bla waqfien jew storbju għal-larrieda jrid jiġi evitat. Fannijiet ta' ventilazzjoni, makkinarju ta' l-għalf u tagħmir ieħor irid jiġi kostruwit, jitqiegħed, imħaddem, u miżmum b'tali mod li jikkawża l-inqas storbju possibbli.

3. Kull bini jrid ikollu livelli ta' dawl biżżejjed biex jippermetti li t-tiġieġ kollu jara lil xulxin u li jidhru b'mod ċar, biex jinvestigaw l-inħawi ta' madwarhom b'mod viżwali u li jintwerew livelli normali ta' attività. Jekk ikun hemm dawl naturali, l-aperturi tad-dawl iridu jiġu rranġati b'tali mod li d-dawl jiġi distribwit b'mod ugwali ġewwa l-akkomodazzjoni.

   Wara l-ewwel ftit jiem ta' kondizzjonar, is-sistema ta' dawl għandha tkun tali li tipprevjeni problemi ta' saħħa u ta' mġieba. Għaldaqstant, trid issegwi ritmu ta' 24 siegħa u trid tinkludi kull perjodu mhux interrott ta' dlam li jdum, bħala indikazzjoni, madwar terz tal-ġurnata, sabiex it-tiġieġ ikunu jistgħu jistrieħu u sabiex jiġu evitati problemi bħal immunodipressjoni u anomaliji okulari. Kull perjodu ta' għabex ta' żmien xieraq irid jiġi provdut meta d-dawl jitbaxxa sabiex it-tiġieġ ikollhom ħin biex jadattaw mingħajr tfixkil jew ħsara.

4. Dawk il-partijiet tal-bini, tagħmir jew strumenti li jmissu mat-tiġieġ iridu jiġu mnaddfa u ddisinfettati sew regolarment u f'kull każ kull darba li titwettaq depopolazzjoni u qabel ma tiddaħħal konsenja ġdida ta' tiġieġ. Waqt li l-gaġġi jkunu okkupati, l-uċuħ u t-tagħmir irid jinżamm nadif b'mod sodisfaċenti.

   Il-ħmieġ irid jitneħħa kemm jista' jkun ta' spiss u tiġieġ mejjet irid jitneħħa kuljum.

5. Il-gaġġi jridu jkunu mgħammra b'tali mod li jipprojbixxu t-tiġieġ milli jaħrab.

6. Akkomodazzjoni li tikkonsisti f'żewġ sarbuti ta' gaġġi jew aktar irid ikollhom tagħmir jew miżuri xierqa li jippermettu spezzjoni ta' kull sarbut mingħajr difffikultà u li tiffaċilità t-tneħħija ta' tiġieġ.

7. Id-disinn u d-dimensjonijiet tal-bieb tal-gaġġa jrid ikun tali li tiġieġa adulta tkun tista' tiġi mneħħija mingħajr tbatija żejda jew mingħajr ma tweġġa'.

8. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-punt 19 ta' l-Anness għad-Direttiva 98/58/KE, kull mutilazzjoni għandha tiġi projbita.

   Sabiex tittieħed prevenzjoni kontra tnaqqir tar-rix u kannibaliżmu, madan-kollu, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw it-tirqim tal-munqar sakemm dan isir minn impjegati kwalifikati fuq flieles li għandhom inqas minn 10 ijiem u li huma maħsuba sabiex ibidu.